# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Jannar 2001**

**Numru 33**

**Citaz. numru 590/85 DS**

Pawlu Abela u Emanuele Abela
vs
Antonio Farrugia

Illum, 9 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-8 ta' Mejju 1985 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew:

Illi l-konvenut ghad baqalu jhallas lil-atturi s-somma ta' tlett elef u erba mitt lira Maltin (Lm3400) bilanc ta' somma akbar, wara konteggi, minn ammont dovut ghal xoghol ta' bini u materjal fornit fuq ordni tieghu;

talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' tlett elef u erba mitt lira Maltin (Lm3400) bilanc ta' somma akbar prezz ta' xoghol u materjal ta' bini.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal- ta' Marzu 1985 kif ukoll bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li huwa mharrek ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi bejn il-partijiet hemm kont kurrenti li ghandu jigi maghmul u ghalhekk it-talba ta' l-atturi ghal-Lm3,400 mhijiex dovuta.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet tas-6 ta' Marzu 1987 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. David Pace bhala perit tekniku biex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jaghmel l-osservazzjonijiiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fl-10 ta' Jannar 1994;

Rat id-digriet ta' l-14 ta' Frar 1994 li permezz tieghu, fuq talba ta' l-atturi, gew nominati bhala periti addizzjonali l-Avukat Dottor Philip Sciberras, l-A.I.C. Frederick Doublet u l-A.I.C. Rene` Buttigieg;

Rat li, nonostante li l-periti addizzjonali pprezentaw ir-relazzjoni taghhom, huma baqghu ma thallsux mill-atturi u ghaldaqstant il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq il-provi li kienu migbura u r-relazzjoni ta' l-ewwel perit tekniku;

Ikkunsidrat illi:-

F'din il-kawza ghandna minn naha wahda l-atturi li qed jippretendu hlas ghax-xoghol ta' appalt fuq il-fond tal-konvenut u min-naha l-ohra l-konvenut li, apparti li qed isostni li hemm inezattezzi fil-kontijiet ta' l-atturi u li kien hemm xoghol difettuz, sostna li kien hemm kont kurrenti bejn il-partijiet u ghalhekk qed jitlob il-likwidazzjoni tal-valur tax-xoghol li huwa ghamel kemm bhala skrivan kif ukoll tax-xoghol fiziku li huwa kkontribwixxa, flimkien mal-valur tal-materjal mixtri minnu jew li kien ghandu u li ttiehed mill-atturi.

**<u>Ir-relazzjoni tal-perit tekniku</u>**

*<u>Verifika tal-kontijiet</u>*

Il-perit tekniku kejjel ix-xoghol kollu li sar u hareg il-kont fuq il-kejl li kien gabar huwa stess. Wara li ha in konsiderazzjoni kemm il-punti ta' divergenza bejn il-partijiet kif ukoll il-punti ta' qbil, wasal ghas-somma komplessiva ta' Lm3606.73 bhala l-valur tax-xoghlijiet esegwiti mill-

atturi (para. 24 tar-relazzjoni peritali) skond il-prezz tas-suq ta' dak iz-zmien. Huwa b'hekk osserva li l-kont ta' l-atturi (Dok. DP 10) kien jirrizulta gholi wisq, anke jekk kellu jigi prezunt li x-xoghol sar kollu minnhom.

Dwar l-allegazzjoni tal-konvenut li xi xoghol sar minnu u mhux mill-atturi, il-perit tekniku osserva li l-konvenut ma ressaqx provi biex jikkorrobora dan u inoltre ma setax jintghazel ix-xoghol allegatament mahdum minnu minn dak ta' l-atturi u ghalhekk din l-allegazzjoni ma gietx soddisfacentement pruvata. Dwar l-allegazzjoni l-ohra tal-konvenut li sar xi xoghol minn terzi, in kwantu jirrigwarda xoghol ta' tahmil dan fil-fatt gie eskluz mill-pretensjoni ta' l-atturi

Il-perit tekniku ezamina l-prospetti esebiti mill-atturi fid-dawl tax-xiehda tal-partijiet fejn ikkonkluda li l-valur tax-xoghol esegwit mill-atturi kellu jigi komputat hekk:

(1) Gebel – l-ammont ta' Lm1572 skond id-Dok. K12 bhala l-aktar wiehed verosimili;
(2) Zrar u ramel – l-ammont ta' Lm60 skond l-ahhar kont u li jirrizulta aktar realistiku ghax-xoghol mehtieg;
(3) Xibka u hadid – l-ammont ta' Lm308 wara tnaqqis li sar mill-atturi stess;
(4) Konkos – l-ammont ta' Lm651 fid-dawl tal-volum ta' konkos imkejjel u r-rata vigenti;
(5) Siment u diesel – dawn ma gewx mitlubin fl-ahhar kont ta' l-atturi;
(6) Pagi – l-ammont ta' Lm719 kalkolat fuq rata ta' Lm5.75 x 125 man/days, tenut kont tal-volum ta' xoghol li sar u tal-fatt li l-atturi kellhom jipprestaw xoghlhom bla hlas.

Huwa b'hekk ikkonkluda li l-valur tax-xoghol esegwit jammonta ghal **Lm3310**.

*<u>Pagamenti mill-konvenut</u>*

Filwaqt li l-atturi jsostnu li l-konvenut hallas biss Lm200, il-konvenut esebixxa prospett (Dok. K1) fejn juri li b'kollox thallsu Lm870. Rose Farrugia li tigi mart il-konvenut u oht l-atturi xehdet li l-pagamenti kienet taghmilhom hi lill-atturi biex jitnaqqsu mill-ispejjez tax-xoghol tal-post. Ircevuti qatt ma talbithom. Il-perit tekniku accetta bhala verosimili x-xiehda ta' Rose Farrugia in vista tal-fatt li fiz-zmien in kwistjoni r-relazzjonijiet bejn il-partijiet kienu tajba u ma kinux jinzammu *records* tax-xoghol maghmul u tal-pagamenti effettwati.

*Xoghol difettuz*

Il-konvenut esebixxa bhala Dok. K13 certifikat tal-Perit Louis Naudi dwar difetti riskontrati. Ghalkemm xi difetti trangaw, il-perit tekniku osserva xoghol hazin li ghad irid jissewwa: xibka mikxufa fis-saqaf tal-garaxx, samrotti mhux bil-wicc ippariggjat, faxxa tvarja fil-wisa' fil-biev tal-garaxx, hajt tal-*porch* mibni skorra falza minflok kartabun, u ohra mdawra u mhux mtella' comb, kif ukoll samrott fl-istess hnejja. Biex jitnehhew dawn id-difetti kkalkola li tinhtieg spiza ta' **Lm175**.

*It-tnaqqis pretiz mill-konvenut*

Il-konvenut qed jitlob kumpens ghal madum li ttehidlu, ghall-ispejjez li nkorra ghan-nom ta' l-atturi u ghax-xoghol li pprestalhom.

Dwar **il-madum** il-konvenut xehed li l-atturi kienu xtrawlu l-materjal ammontanti ghal Lm370 u hu beda jahdimhom. Lehaq hadem 600 maduma tal-1'6", b'kollox 125 metru madum li kienu intenzjonati ghall-post tieghu. Il-forom, il-materjal u l-madum lest kienu qeghdin fil-'plant yard' iz-Zejtun.  Wara li nqalghet kwistjoni bejn il-partijiet, kien mar il-'plant yard' u sabhom qeghdin jiehdu l-madum. Huwa ma kellimhomx izda rrapporta lill-Pulizija u ttiehdu passi kriminali kontra l-atturi. Huwa qal li qatt ma cahad li kellu jhallashom ghax-xiri tal-materjal u huma qatt ma talbuh hlas u dahlu fil-kont generali. Biex ilesti d-dar kellu jixtri 114-il metru marmettone bis-Lm7.75 il-metru u 11-il metru perlato bit-Lm3.60. Dan il-madum, ghalkemm mhux difettuz, kien ta' kwalita` inferjuri ghal dak li kien ghamel.

Il-perit tekniku osserva li x-xiehda tal-konvenut f'dar-rigward hija kredibbli u li jekk kellu jaghmel il-madum hu stess, jahdem dak it-tip li jiswa aktar. Huwa kkonkluda li l-konvenut ghandu jigi kkumpensat fis-somma ta' Lm923 li minnha ghandha titnaqqas is-somma ta' Lm370 bhala l-prezz ta' materjal li kien inxtara mill-atturi, biex b'hekk ghandu jiehu **Lm553**.

Dwar **l-ispejjez** inkorsi, il-konvenut esebixxa prospett Dok. K2 ghall-ammont ta' Lm98.58 oltre li talab is-somma ta' Lm95 ta' roll xibka li huwa xtara u li l-atturi uzaw f'xoghol taghhom. Il-perit tekniku huwa tal-fehma li dawk is-servizzi rezi mill-konvenut bhala parti mir-relazzjonijiet tajba ta' bejn il-familji ma setghux jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini ta' likwidazzjoni ta' dak dovut lill-konvenut u kienu ta' rilevanza biss dawk is-servizzi rezi ghall-iskop ta' l-intrapriza. Fost dawn kien hemm

Lm9.25 bhala prezz ta' qatran u Lm95 bhala prezz ta' roll xibka izda billi ma gewx esebiti rcevuti dehrlu li ma setax jigu accettati. Huwa kkonkluda li setghu jigu accettati biss l-ewwel tliet partiti elenkati fid-Dok. K2 ghall-ammont komplessiv ta' **Lm26.73**.

Dwar **is-servizzi** prestati mill-konvenut, il-perit tekniku osserva li m'hemmx dubju li l-konvenut ikkontribwixxa *input* sinjifikattiv. L-atturi kienu jiehdu hsieb il-parti teknika tax-xoghol u l-konvenut il-parti amministrattiva u klerikali. Wara li ghamel riferenza b'mod partikolari ghad-Dok. K3, ikkonkluda li s-somma mitluba mill-konvenut ta' **Lm1500** kienet gustifikata, tenut kont tal-fatt li dan kien ifisser medja ta' anqas minn Lm170 fis-sena tul il-perijodu kollu li fih il-konvenut ippresta s-servizzi tieghu. Dan l-ammont zgur ma kienx ikopri x-xoghol biex jitlesta l-post tal-konvenut kif weghduh l-atturi.

**Nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi**

L-atturi ressqu s-segwenti lmenti fir-rigward tal-konkluzjonijiet milhuqa mill-Perit Tekniku David Pace:

i. Ghal dak li kien jikkoncerna l-paragrafi 58, 59, 60 u 61 tar-relazzjoni peritali, gew likwidati ammonti dovuti lill-kontendenti li ma kienux parti mill-proceduri odjerni peress illi ma saret l-ebda kontro-talba min-naha tal-konvenut ghal dan. Dan minbarra l-kwistjoni ta' preskrizzjoni u n-nuqqas ta' provi da parti tal-konvenut tal-pretensjoni tieghu illi s-servizzi rezi kien abbazi ta' hlas. Ghalhekk l-ammont ta' elf u hames mit liri Maltin (Lm1,500) ma setax jittiehed in konsiderazzjoni.

   Fir-rigward ta' paragrafi 52, 53 u 54, il-konvenut qatt ma kien ipproceda kontra l-atturi. Inoltre kien hemm il-kwistjoni tal-preskrizzjoni. Ziedu jghidu wkoll illi t-tpacija kellha tittiehed biss in konsiderazzjoni mill-perit tekniku jekk l-ammonti jkunu likwidati, li fil-fatt ma kienux.

ii. Il-prezz imnizzel fil-para 18(b) kellu jigi mizjud peress illi l-gebel kien u qed ifornuh u jhallsu ghalih l-atturi, b'medja allura ta' hames liri Maltin u hamsin centezmu (Lm5.50).

iii. L-atturi sostnew li ma kellhomx ma jitwemmnux li kienu hammlu l-art kollha, inkluz il-gardina.

iv. Ma kien hemm l-ebda raguni valida ghaliex fil-para 23 tar-relazzjoni tieghu, il-perit tekniku nizel minn erba' piedi ghal tlett piedi u nofs. Inoltre ma setghux jaqblu mal-prezz stabbilit ta' sbatax-il liri Maltin (Lm17) li hu ferm inferjuri ghal dak gust.

v. Ghal dak li kien jirrigwarda l-para 39 sa 43, l-atturi ma setghux jifhmu kif il-kontijiet taghhom kienu precizi u kredibbli skond il-paragrafi antecedenti, izda l-ammont dovut lill-impjegati taghhom imbaghad kien wiehed zbaljat. Fl-ewwel lok l-element uman gie totalment injorat u l-prezz ta' hames liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm5.75) ghal gurnata kien wiehed anqas minn dak imhallas jew il-prezz tax-xoghol ta' dak iz-zmien.

vi. Fir-rigward ta' dak li ntqal fil-paragrafi 46 sa 48 tar-relazzjoni ssottomettew illi l-ebda rcevuta ma kienet giet prezentata ghall-pagamenti ammontanti ghal tmien mija u sebghin liri Maltin (Lm870). U wara kollox, jekk huma kienu nghataw kredibilita' ghall-kontijiet ipprezentati minnhom, huma kellhom ukoll jigu emnuti illi dawn ma thallsux.

vii. Fl-ahharnett, l-atturi ndikaw l-oggezzjoni taghhom ghal dak li ntqal fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 56.

**Nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut**

*Kummenti dwar il-kont*

i. Valur tax-xoghol. Il-konvenut issottometta mill-komputazzjonijiet tieghu li l-valur globali tax-xoghol huwa ta' Lm3125.

ii. Pagamenti akkont. Il-konvenut sostna l-pozizzjoni tieghu li l-pagamenti akkont li saru kienu ta' Lm870.

iii. Kumpens xoghol. Ghal dak li jirrigwarda l-valur tal-prestazzjonijiet tal-konvenut, il-perit tekniku kien konservattiv meta ffissa l-ammont ta' Lm1500.

Ghamel referenza wkoll ghall-fatt li fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom l-atturi semmew il-preskrizzjoni u ssottometta li in via di eccezzjoni ma tapplikax il-preskrizzjoni. Huwa zdied jistaqsi kemm iktar hija preskritta l-azzjoni ta' l-atturi fejn il-Kodici Civili

jsemmi perijodu ta' 18-il xahar fl-artikolu 2148(a) meta l-ahhar xoghol ta' l-atturi sar fl-1981 mentri l-kawza giet istitwita fl-1985.

Osserva wkoll li l-ftehim bejn il-partijiet kien wiehed uniku ta' tpacija ta' xoghol u biex jigi kalkolat jekk hemm xi ammont dovut lill-atturi bil-fors irid jigi valutat il-valur tal-prestazzjonijiet tal-konvenut.

iv. Kumpens madum. Il-konvenut issottometta li peress li l-madum li ttiehed mill-atturi kien kollu ta' l-istess kwalita`, il-prezz tal-kumpens kellu jigi kalkolat bl-istess rata, cioe` bis-Lm7.75 il-metru; ghalhekk 125 x Lm7.75 – Lm968.75.

v. Difetti xoghol. Il-konvenut accetta il-konkluzjoni tal-perit tekniku li jinghata kumpens ta' Lm175.

vi. Spejjez inkorsi. Il-konvenut ma seta' jara l-ebda raguni ghaliex ma gewx accettati wkoll il-prezz tal-qatran u tar-roll xibka u ssuggerixxa ammont *rounded off* ta' Lm100.

vii. Xoghol fuq il-post mill-konvenut. Huwa ssottometta li huwa kien imidd idejh kif seta' u li almenu dan ghandu jigi kalkolat fuq percentwali ta' 5% fuq il-valur tax-xoghol globali, u cioe` Lm156.

Il-konvenut ikkonkluda li a bazi tal-kalkoli tieghu l-atturi ghandhom jaghtuh is-somma ta' Lm644.

*Kummenti dwar in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi*

i. Dwar l-allegazzjoni ta' preskrizzjoni dwar kumpens ghall-madum, ghamel referenza ghad-dikjarazzjoni ta' l-atturi annessa mac-citazzjoni fejn tissemma tpacija ta' xi madum. Jigifieri hemm ammisjoni da parti ta' l-atturi stess ta' din it-tpacija u kellu ghalhekk jigi verifikat il-valur tal-madum.

ii. Dwar il-kontestazzjoni tar-rata ta' Lm12 ghas-singlu kif stabbilit mill-Perit Pace fil-para. 18, din ir-rata hija dik li kienet vigenti bhallikieku x-xoghol sar minn terzi u jinkludi l-valur tal-gebla.

iii. Dwar it-thammil, ix-xiehda tal-konvenut hi korroborata mill-ircevuta minnu pprezentata.

iv. Dwar tqattiegh, il-perit tekniku acceda fuq il-post u ghamel il-konstatazzjonijiet necessarji.

v. Ic-cifra li ghandha tigi accettata ghall-fini ta' komputazzjoni gusta u korretta hija valutazzjoni tax-xoghol bhallikieku sar minn terzi skond prezzijiet vigenti, allura valur ta' Lm3125.

vi. Il-valur tal-gebel ghandu jkun ta' Lm1367 u mhux ta' Lm1572.

Il-konvenut ikkonkluda li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u billi ma saritx kontro-talba, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

**<u>Konkluzjonijiet</u>**

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom l-atturi jirreferu b'mod ferm legger ghall-preskrizzjoni tat-talbiet tal-konvenut ghal kumpens tas-servizzi minnu rezi u ghal kumpens ghall-madum mehud mill-atturi, u dan minghajr ma jaghmlu referenza ghal xi artikolu tal-ligi li tahtu tali pretensjonijijet jistghu jkunu kkunsidrati preskritti. Il-Qorti certament mhijiex se taghti aditu ghas-suggeriment ta' l-atturi. Inoltre huwa evidenti li meta l-konvenut fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu jistaqsi kemm iktar hija preskritta l-azzjoni ta' l-atturi, qieghed jaghmel mistoqsija retorika u mhuwiex jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici.

Issa jigi osservat li, kif tajjeb irrimarkaw l-atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom, u kif accettat mill-konvenut fin-nota responsiva tieghu, il-konvenut ma ghamel l-ebda kontro-talba. Ghalhekk in materja ta' tpacija huma applikabbli l-provvedimenti relattivi tal-Kodici Civili, senjatament l-artikoli 1196 u 1197, u l-principji enuncjati minn dawn il-Qrati. Ghalhekk iz-zewgt idjun iridu jkunu likwidi jew ta' facli likwidazzjoni u korrelatati max-xoghol ta' kostruzzjoni tal-fond tal-konvenut.

Dwar il-valur tax-xoghol esegwit mill-atturi jirrizulta li l-perit tekniku ghamel ezercizzju fejn stabilixxa dak il-valur skond prezzijiet vigenti u kkontrastah mal-pretensjonijiet ta' l-atturi skond il-kontijiet minnhom rilaxxati. Wara li ghamel diversi konsiderazzjonijiet wasal ghall-konkluzjoni li l-valur komplessiv huwa ta' Lm3310 (para. 45 tar-relazzjoni). Il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzjoni u mar-ragunijiet minnu moghtija u ma ssibx li ghandha ghalfejn tvarja minnha. Dwar l-iktar punt ta' kuntrast, dak tal-pagi, il-perit tekniku ha in konsiderazzjoni l-fatt li l-atturi kellhom jipprestaw is-servizzi taghhom minghajr hlas u kien proprju ghalhekk li huwa naqqas in-numru ta' *man/days*. L-ilment ta' l-

atturi li r-rata ta' Lm5.75 hi baxxa wisq hi infondata peress li kieku wiehed kellu jiddividi s-somma minnhom pretiza bin-numru ta' *man/days* skond l-ircevuti minnhom esebiti (cioe` 225 *man/days*) jinstab li r-rata kellha tkun inqas (circa Lm5.25).

Nigu b'hekk biex nikkunsidraw it-tnaqqis li l-konvenut jippretendi li ghandu jsir:

<u>Pagamenti akkont</u>: Wara li l-Qorti ezaminat ix-xiehda moghtija, il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni tal-perit tekniku li s-somma li ghandha titnaqqas hi dik ta' Lm870 kif pretiz mill-konvenut.

<u>Kumpens ghall-madum mizapproprjat</u>: Kif diga` ntqal, il-konvenut kien hejja madum b'materjal li kien inxtara mill-atturi, ghall-uzu fil-fond tieghu. Ghalhekk galadarba dan il-madum ittiehed mill-atturi u l-konvenut kellu jixtri madum biex jirrimpjazza dak mehud, u galadarba l-istess atturi qed jirrikonoxxu li "sar tpacija", il-konvenut ghandu jigi kumpensat. Hawn il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut li l-kumpens ghandu jigi kalkolat bir-rata gholja galadarba anke l-perit tekniku rrikonoxxa li huwa "aktar verosimili li jekk kellu jaghmel il-madum hu stess, jahdem dak it-tip li jiswa aktar biex jigi mmanifatturat, halli jiffranka aktar". Ghalhekk il-kumpens ghandu jinhadem hekk: 125 metru x Lm7.75 = Lm968.75. Minn din is-somma trid titnaqqas is-somma ta' Lm370 li kienet thallset mill-atturi ghax-xiri ta' materjal u li jhalli bilanc ta' **Lm598.75**.

<u>Difetti fix-xoghol</u>: Il-perit tekniku stabilixxa li biex jissewwew id-difetti ezistenti tinhtieg spiza ta' **Lm175**. L-atturi ma qalu xejn dwar dan fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom u din is-somma giet finalment accettata mill-konvenut.

<u>Spejjez inkorsi</u>: Fid-dawl tax-xiehda moghtija u ta' l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku l-Qorti ma ssib l-ebda diffikulta` tnaqqas mhux biss l-ewwel tliet partiti fid-Dok. K2, u cioe` Lm4.12 ghal bolli u fotokopji, Lm20 bolol ghall-haddiema u Lm2.61 pjanti u fotokopji ohra, izda anke Lm9.25 ghall-qatran u Lm95 ghar-roll xibka li, bhall-madum, il-konvenut ikkonferma li xtara izda li ntuzaw mill-atturi f'xoghol taghhom u mhux fil-fond tal-konvenut, b'kollox ghalhekk **Lm130.98**.

<u>Xoghol fuq il-post mill-konvenut</u>: Il-Qorti ma tarax gustifikazzjoni f'din it-talba. Kif jista' per ezempju jitlob persentagg, zghir kemm hu zghir, fuq xoghol li l-konvenut m'ghandux is-sengha mehtiega biex jaghmlu? Inoltre l-perit tekniku kkonkluda, fil-fehma tal-Qorti korrettement, li l-

konvenut ma ressaqx provi sufficjenti biex jista' jigi identifikat u valutat ix-xoghol li huwa seta' ghamel.

Kumpens ghall-prestazzjonijiet rezi mill-konvenut: Fid-Dok. K1 fejn il-konvenut jelenka dak li jippretendi ghandu jithallas minghand l-atturi, il-konvenut jindika s-somma ta' Lm1500 li jiddeskrivi bhala hlas li hu dovut lilu talli wara snin shah li hadem ghall-atturi huma ma komplewx ghenuh jibni l-post in kwistjoni sa l-ahhar kif miftiehem. Kif diga` ndikat, fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom l-atturi jsostnu li l-konvenut m'ghamilx kontro-talba fir-rigward ta' din is-somma u fi kwalunkwe kaz il-konvenut ma rnexxilux jipprova li l-prestazzjonijiet li huwa rrenda lill-atturi kien a bazi ta' hlas. Nonostante li ma saritx kontro-talba jrid jigi stabbilit jekk tistax issir tpacija ta' dan l-ammont jew ammont verjuri.

L-attur Pawlu Abela xehed li l-ftehim li ghamlu mal-konvenut kien li tal-materjal u tan-nies ihallashom u hu u huh jaghtuh xoghlhom b'xejn biex ipattulu. Ma ftehmux kemm kellhom idumu jibnulu.

Il-konvenut stqarr li ghall-ghajnuna kollha li kien tahom fuq offerti, l-atturi qablu li bla hlas ighinuh fil-bini kollu tal-post. Inoltre Pawlu Abela hass li anke jdahhlu f'sehem f'art li kien se jixtri wara l-hlas li dahlu wara l-ewwel offerti; izda dan ma sarx. Huwa spjega li l-ammont ta' Lm1500 hargu milli hass li kien fadallhom jahdmu bhala gimghat kif ukoll billi damu fix-xoghol u gholew il-prezzijiet. Huwa sostna li l-ftehim dejjem kien illi ma jehdilhomx flus talli jghinhom pero` huma jpattulu billi ma jehdulux flus ta' idejhom biex jibni l-post.

Il-ftehim ghalhekk kien car: kien hemm accettazzjoni da parti ta' l-atturi li ssir tpacija bejn ix-xoghol li kien jaghmlilhom il-konvenut u x-xoghol li jaghmlulu huma. Il-konvenut ihallas biss l-ispejjez tal-materjal u tal-haddiema. Ma hemm l-ebda dubju lanqas li dan il-ftehim kellu jkopri l-fond kollu tal-konvenut. Minhabba l-kwistjonijiet li nqalghu bejn il-partijiet, l-atturi ma ssodisfawx il-parti taghhom tal-ftehim. Ghalhekk mic-cirkostanzi jirrizulta li huma debituri lejn il-konvenut f'somma li trid tigi likwidata izda li tidher facilment likwidabbli, ezercizzju li l-Qorti se tghaddi biex taghmel anke fl-interess li jigu evitati multiplicita` ta' kawzi, b'dan li l-Qorti mhijiex se tillikwida l-valur tal-prestazzjonijiet rezi mill-konvenut izda l-valur tax-xoghol li suppost ikkontribwew l-atturi.

Il-perit tekniku jikkummenta li s-somma ta' Lm1500 ma kenitx tkopri x-xoghol biex jitlesta l-post tal-konvenut u ghalhekk ghadda biex accettaha. Pero` l-Qorti ma tistax taqbel mal-perit tekniku meta naqqas fl-intier din is-somma mill-komputazzjonijiet tieghu. Difatti, kif osserva huwa stess

meta ddetermina l-pagi dovuti mill-konvenut, fil-komputazzjoni tal-pagi ha in konsiderazzjoni l-fatt li parti mix-xoghol kellu jsir b'xejn mill-atturi. U filwaqt li l-atturi kienu qed jippretendu s-somma ta' Lm1183, huwa llikwida l-ammont ta' Lm719, tnaqqis ta' Lm464. Barra minn hekk, minn kif xehed il-konvenut, il-figura ta' Lm1500 harigha milli hass li l-atturi kien ghad baqaghlhom gimghat ta' xoghol kif ukoll billi damu fix-xoghol u gholew il-prezzijiet, u mhux allura bhala l-valur attwali tal-prestazzjonijiet minnu rezi. Issa minn imkien ma jirrizulta li l-atturi kienu marbutin b'xi terminu li fih kellhom jitterminaw ix-xoghol u ghalhekk jekk sakemm lesta d-dar tieghu kien hemm xi zieda fil-prezzijiet dawn irid ibatihom hu. Ghalhekk wara li qieset ic-cirkostanzi kollha u anke dak li jista' jitqies bhala l-valur tal-kontribut li taw l-atturi ghall-ewwel sular, qed tillikwida "arbitrio boni viri" l-valur tax-xoghol li kien ghad fadlilhom jaghtu fl-ammont ta' **Lm750**.

In konkluzjoni ghalhekk il-kontijiet bejn il-partijiet iridu jkunu hekk:

Hlas dovut lill-atturi ………………………………….. Lm3310.00

<u>Tnaqqis</u>

| | | |
|---|---|---|
| Pagamenti akkont ……………… | Lm 870.00 | |
| Madum mizapproprjat ………… | 598.75 | |
| Difetti fix-xoghol ………………. | 175.00 | |
| Spejjez inkorsi …………………. | 130.98 | |
| Xoghol mhux provdut …………. | 750.00 | |
| | ------------------- | |
| | Lm2524.73 …………. | Lm2524.73 |
| | | ---------------- |
| | | Lm 785.27 |
| | | ---------------- |

Ghalhekk l-ammont dovut mill-konvenut lill-atturi huwa ta' Lm785.27.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' Lm785.27 u ghaldaqstant tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' Lm785.27 bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni. Bl-ispejjez li jithallsu kwantu ghal tliet-kwarti mill-atturi u kwantu ghal kwart mill-konvenut u b'dan li l-ispejjez tal-periti addizzjonali jithallsu fl-intier mill-atturi.

Onor Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur